## *FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR*

## *SMALL CLAIMS TRIBUNAL*

### *GUDIKATUR: DR EDWINA GRIMA LL.D.*

### Seduta ta' nhar il-Gimgha 5 ta' Lulju, 2002

**Numru: 3**

**Avviz Nru: 1370/02 EG**

**Michael Wingfield f'ismu u ghad-ditta J.M.C. Auto Dealer**

**vs**

**Emanuel Saliba**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-28 ta' Mejju, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur proprio et nomine s-somma ta' sitt mitt lira Maltin (Lm600) rappresentanti bilanc minn somma akbar dovut fuq bejgh tal-vettura FIAT Uno bin-numru ta' registrazzjoni BBH 127, liema vettura giet mibjughau kkonsenjata lill-konvenut permezz ta' *hire purchase agreement*.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Qbid kawtelatorju kontra l-konvenut u bl-imghax mid-data tal-bejgh sad-data tal-pagament effettiv.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa’ ma deherx u l-anqas ma pprezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ John Sultana ghan-nom ta’ l-attur proprio et nomine, li esebixxa kopja tal-ftehim tal-bejgh tal-vettura mertu tal-kawza u kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokument esebit.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur proprio et nomine s-somma ta’ sitt mitt lira Maltin (Lm600) bl-imghaxijiet mid-data tal-bejgh tal-vettura.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Qbid kawtelatorju ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Edwina Grima**
**Gudikatur**